*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 10– 10 ta' Diċembru 2024**

***Minuti tal-għaxar laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar it-Tlieta 10 ta' Diċembru 2024 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-sitta u nofs ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 10. Il-laqgħa bdiet fis-6:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Godwin Grech** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apoloġija** | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** | |
| **Uffiċjal preżenti:** | **Paula M. Valletta** | Segretarju Eżekuttiv |

10.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tad-disa' laqgħa ġew imressqa għall-approvazzjoni. Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondat mill-Viċi-Sindku Joseph Agius, il-minuti tat-tminn laqgħa ġew approvati unanimament.

10.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Steve Zammit Lupi ta rendikont ta' xi xogħlijiet fosthom:

a. Inxtegħlet is-siġra tal-Milied u l-kumplament tal-mixegħla gewwa Misraħ San Filep. Kienet attivita ħelwa ħafna fejn kien hemm il-preżenza ta' diversi nies.
b. Qed isiru diversi xogħlijiet mill-Enemalta madwar Ħaż-Żebbuġ. Fit-13 ta' Jannar 2025 ser jibda xogħol ġo Triq Sciortino li ser jaslu bih sa Triq Paris.
c. Fi Triq Għarram ix-xogħol huwa miexi b'ritmu tajjeb, b'kordinazzjoni mal-garaxxijiet tax-xogħolijiet li hemm.
d. Ser jitweħlu diversi sleeping policemen f'toroq rurali.
e. Is-Sindku informa lill-Kunsill uffiċjalment li kienu inġibu tlett kwotazzjonijiet għad-dawl ta' Bieb de Rohan. L-ESS kienu l-irħas bil-prezz ta Eur4,361 plus VAT u għaldaqstant intagħżel l-ESS.
f. Ingibu wkoll 3 kwotazzjonijiet sabiex jinxtraw 12-il night owls. Dawn huma Green Skips (Eur4,168.30), B. Grima & Sons (Eur4,460.40), Road Tech (Eur7,426.57). Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi, sekondata mill-Viċi Sindku Joseph il-Kunsill qabel unanimament li jintagħżel Green Skip.

Il-Kunsillier Godwin Grech talab li jkun skużat mil-laqgħa fis-7pm.

g. Is-Sindku Steve Zammit Lupi ta rendikont tal-laqgħa li saret ma tal-ħwienet tal-pjazza kif ukoll nforma lill-għaqdiet u każini li saret tinħoloq chat bejn il-Kunsill u dawn il-ħwienet.
h. Dwar il-Junior Architect, is-Sindku Steve Zammit Lupi nforma lill-Kunsill, li bħalissa qiegħed jaħdem fuq conservation plan għall-istatwa tal-Madonna tal-Ħal Dwien. Ser issir l-applikazzjoni mal-awtoritajiet sabiex kif tinħareġ skema ikun hemm kollox inhand.
i. Is-Sindku Steve Zammit Lupi nforma lill-Kunsill li kien qed jittieħdu r-rassenji tal-monti.
j. Is-CCTVs tal-Bandli ser jiġu nstallati wara l-Milied.
k. Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li sabiex ma jitrażżan l-abbuż tal-parking fi Triq Sciortino, jeħtieġ li jsiru build outs Fi Triq Luret Vella. Kien qbil unanimu mill-kunsill sabiex isiru dawn il-build outs.
l. Ser isiru treasure hunt u wirja tar-ritratti fejn id-dħul ser imorru għall-Puttinu. Ser isiru workshops għal min iħobb l-arti.

10.3 Milied Żebbuġi u attivitajiet oħra

Milied Zebbugi din is-sena ser isir is-Sibt 21 ta' Dicembru filgħaxija u l-Ħadd 22 ta' Diċembru 2024. Saret diskussjoni dwar l-annimali li ser ikunu esebiti.

21 ta' Diċembru 2024 se isiru festini għall-anzjani u anke għat-tfal f'ħinijiet differenti.

10.4 Community Chat WhatsApp

Is-Sindku Steve Zammit Lupi informa lill-Kunsill li ser jinħoloq dan ic-channel sabiex minnu jingħataw notifiki dwar x'inhu jiġri Ħaż-Żebbuġ. Din il-proposta ġiet sekondata mill-Kunsillier Mario Attard u kien hemm vot unanimu dwarha.

10.5 Aġġornament fuq tenders

Is-Sindku Steve Zammit Lupi nforma lill-Kunsill li t-tender tal-knis u tal-fażi li jmiss tat-tender tal-latrina u librerija ġew ppublikati. Fix-xahar li ġej ser jiġi ppublikat it-Tender tal-Manutenzjoni ta' madwar Housing Estate ta' Hal Mula.

10.6 Ġardinar

Is-Sindku Steve Zammit Lupi ta rendikont tad-diversi stadji li kien hemm fl-intervisti tal-ingaġġament tal-ġardinar. L-intervisti saru flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Ingħatat ir-rakomandazzjoni abbażi tal-kwalifiki u esperjenza li jintagħzel is-Sur Natalino Pace. Is-Sindku Steve Zammit Lupi għaldaqstant ippropna li s-Sur Natalino Pace jingħata din il-pożżizzjoni filwaqt li l-Kunsillier Dr. Paul Mazzola issekonda din il-proposta.

10.7 Kunsill tat-tfal: Play Streets

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li ser jkunu mistiedna it-tfal li jagħmlu parti mill-Kunsill tat-tfal sabiex iressqu l-proposti tagħhom waqt il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

10.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera; Tombla, Shuttle Bus u Żerniq Bir-Rota

Il-Viċi Sindku Joseph Agius saqsa dwar xi dħul u xi spejjeż qed ikun hemm fit-tombla li ssir kull nhar ta' Ġimgħa. Is-Segretarju rrispondiet li bhal dħul ikun hemm il-flus li jinġabru mill-bejgħ wara li jitnaqqsu l-premijiet. U ħruġ ikun hemm is-supplies tal-ikel u xorb u toiletries ta' waqt l-attivita, kif ukoll affarijiet ta' tindif niex jitnaddaf il-post u jitħalla fi stat nadif.

Dwar ix-Shuttle Bus għall-anzjani, il-Kunsillier Ayrton Mizzi qal li qed jistħarreġ x'għamlu kunsilli oħra li joffru dan is-servizz.

Dwar Żerniq bir-rota saru diversi mistoqsijiet dwar il-frekwenza ta' din l-attivita, fejn is-Sindku rrisponda li issa daħlet standard li ssir kull l-ewwel Ħadd tax-xahar ssir din l-attivita li għandha popolarita mad-dilettanti tar-rota. Bħala spejjeż issemma li hemm il-wardens ul-paga tal-ħaddiem jieħu ħsieb għeluq.

Il-Kunsillier Dr. Paolo Mazzola qal li issa li l-apparat tal-AED wasal, hemm bżonn li dan ġie allokat x'imkien. Wara diskussjoni ġie deċiż li dan l-apparat jitpoġġa fejn il-playarea tal-flats tal-Grazzja.

Il-Kunsillier Dr. Mazzola kompla jgħid li organizza korsijiet fit-18 u 22 ta' Novembru fejn ser isiru korsijiet bla ċertifikazzjoni dwar kif titħaddem l-AED.

10.10 Vot tal-Flus

Qabel ma tressaq il-vot tal-flus, is-Sindku qal li sabiex jitranġa l-bicycle repair kit hemm spejjez ta' madwar Eur600 bix-shipping b'kollox li jridu jitħallsu lill-kumpanija barranija tipprovdi dawn l-ispares. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Sadanittant tressaq il-vot tal-flus għall-approzzajoni. Fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondat mill Kunsillier Mario Attard, il-vot tal-flus ġie approvat unanimament.

10.11 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fid-9:15pm.

**Steve Zammit Lupi** | **Paula M. Valletta**

**Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv**